MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 62/2009

**Michael Attard Limited (C-32362)**

**vs**

**Chatherine Bonnici u Joe Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimati ghall-hlas tas-somma ta' sitt elef disa' mija u ghaxar Ewro u tminn centezmi (€6,910.08) rapprezentanti import ta' tnax (12)-il kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-intimati;

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimati jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk

il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux, la fl-24 ta' Gunju tas-sena 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimati Chaterine u Joe Bonnici jhallsu s-somma ta' sitt elef, disa' mija u ghaxar Ewro u tminn centezmi (€6,910.08) lis-socjeta' Michael Attard Limited;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------